

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 117/2010

tal-10 ta' Novembru 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/231/KE tat-12 ta' April 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi <sup>(2)</sup>, trid tkun integrata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/322/KE tat-18 ta' April 2008 li tipproroga l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi <sup>(3)</sup>, trid tkun integrata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/298/KE tas-26 ta' Marzu 2009 li tipproroga l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi <sup>(4)</sup>, trid tkun integrata fil-Ftehim.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/157/KE tat-12 ta' Marzu 2010 li tipproroga l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi <sup>(5)</sup>, trid tkun integrata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 3k (Direttiva tal-Kummissjoni 2006/502/KE) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim:

“, kif emendat permezz ta’:

- **32007 D 0231**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/231/KE tat-12 ta' April 2007 (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16),
- **32008 D 0322**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/322/KE tat-18 ta' April 2008 (ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40),
- **32009 D 0298**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/298/KE tas-26 ta' Marzu 2009 (ĠU L 81, 27.3.2009, p. 23),
- **32010 D 0157**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/157/UE tat-12 ta' Marzu 2010 (ĠU L 67, 17.3.2010, p. 9).”

## Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/231/KE, 2008/322/KE, 2009/298/KE u 2010/157/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

<sup>(1)</sup> ĠU L 62, 11.3.2010, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16.

<sup>(3)</sup> ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40.

<sup>(4)</sup> ĠU L 81, 27.3.2009, p. 23.

<sup>(5)</sup> ĠU L 67, 17.3.2010, p. 9.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.